

31995D0165

13.5.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 108/84

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**ta' l-4 ta' Mejju 1995****li tistabbilixxi kriterji uniformi għall-għoti ta' derogazzjonijiet lil ċerti stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti bażati fuq il- ħalib**

(95/165/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it- Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal- Kunsill 92/46/KEE tas- 16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r- regoli tas- saħħa għall- produzzjoni u t-tpoġġija fuq is- suq ta' ħalib nej, ħalib ittrattat bis- sħana u prodotti bbażati fuq il- ħalib ⁽¹⁾, kif l- aħħar emendat mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Fillandja u l- Isvezja, u b' mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi l- Istati Membri bagħtu lill- Kummissjoni, konformi mat- tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tad- Direttiva 92/46/KEE, l- informazzjoni li huma kkunsidraw xierqa għal ċerti kriterji uniformi għall-għoti ta' derogi lil ċerti stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti bbażati fuq il- ħalib;

Billi, minħabba l-varjetà ta' prodotti bażati fuq il- ħalib u proċessi ta' manufattura, l-kwantità totali ta' ħalib użata f'sena partikolari minn stabbiliment biex jimmanifattura wieħed jew aktar prodotti bażati fuq il-ħalib suppost jittieħed bħala bażi, billi l-kriterji adottati jirriflettun- natura limitata tal- produzzjoni ta' stabbiliment;

Billi l- miżuri li għalihom hemm provvedimenti f' din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADDOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il- kriterji uniformi li għalihom hemm provvedimenti fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/46/KEE għall- għoti ta' derogi

mill- l-Artikolu 7(A)(2) u l-Artikolu 14(2) tad- Direttiva 92/46/KEE għal ċerti stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti bbażati fuq il- ħalib huma stabbiliti fl-Anness A ta' dan. Dawn id-derogi għandhom ikunu mogħtija biss jekk ma jeffettwawx il-kundizzjonijiet iġjeniċi tal- produzzjoni.

Artikolu 2

Il-kriterji uniformi li għalihom hemm provvedimenti fl- l-Artikolu 11(2) tad- Direttiva 92/46/KEE għall- għoti ta' derogi mill-Kapitoli I u V ta' l-Anness B għad-Direttiva 92/46/KEE għal ċerti stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti bbażati fuq il- ħalib huma stabbiliti fl- l-Anness B ta' dan. Dawn id-derogi għandhom ikunu mogħtija biss jekk ma jeffettwawx il-kundizzjonijiet iġjeniċi tal-produzzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill- 1 ta' Jannar 1996.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hi Indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fl-4 ta' Mejju 1995.

Għall- Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal- Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1.

L-ANNESS A

Kriterji uniformi li għalihom hemm provvediment fl- l-Artikolu 11(2) tad- Direttiva 92/46/KEE għall- għoti ta' derogi mill-Artikolu 7(A)(2) u l-Artikolu 14(2) tad- Direttiva 92/46/KEE għal ċerti stabbilimenti li jimmanufatturaw prodotti bbażati fuq il- ħalib

1. L-istabbilimenti jridu jżommu dokumenti li jistgħu ikunu wżati biex jiddeterminaw il-kwantità ta' ħalib ipproċessata minnhom fis-sena ta' qabel. Iridu jkunu kapaċi jipprovdu dawn id-dokumenti għall- awtorità kompetenti biex tispezzjona.
 2. Stabbilimenti jridu jkunu pproċessaw is- sena ta' qabel kwantità ta' ħalib mhux anqas minn 500 000 litru jew jridu jagħtu nota bil- miktub lill-awtorità kompetenti li l- kwantità proċessata annwalment ma teċċediex dak l- ammont.
 3. L- istabbilimenti jridu jippreżentaw lill- awtorità kompetenti applikazzjoni bil- miktub għal derogi kif għaliha hemm ipprovdut fl-Artikolu 11 tad- Direttiva 92/46/KEE. Mingħajr preġudizzju għal informazzjoni speċifika li l- awtorità kompetenti tista' tixtieq li tirċievi, l-applikazzjonijiet iridu jindikaw:
 - l- isem u l- indirizz ta' l- istabbilimenti,
 - il- kwantità ta' ħalib ipproċessat minnu matul is- sena preċedenti li fiha l-applikazzjoni hi magħmulha jew nota biex ma jipproċessax kwantità li teċċedi 500 000 litru annwalment,
 - in-natura tad- dokumenti li jistgħu ikunu wżati biex jiddeterminaw il- kwantità ta' ħalib ipproċessat mill- istabbiliment,
 - it-tip u l-kwantità ta' prodotti bbażati fuq il- ħalib manufatturati mill- istabbiliment matul is-sena preċedenti għal dik meta tkun magħmula l-applikazzjoni,
 - it- tip ta' derogi li l- istabbiliment jixtieq jirċievi.
- l-applikazzjonijiet iridu, wkoll, jikkontjenu nota biex tkun notifikata l-awtorità kompetenti bil- miktub fejn stabbiliment ma jissodisfax aktar il- kriterju fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

L-ANNESS B

Kriterji uniformi li għalihom hemm provvediment fl- l-Artikolu 11(2) tad- Direttiva 92/46/KEE għall- għoti ta' derogi mill-Kapitoli I u V ta' l-Anness B għad- Direttiva 92/46/KEE għal ċerti stabbilimenti li jimmanufatturaw prodotti bbażati fuq il- ħalib

1. L- istabbilimenti jridu jżommu dokumenti li jistgħu ikunu wżati biex jiddeterminaw il- kwantità ta' ħalib ipproċessata minnhom is- sena ta' qabel. Iridu jkunu kapaċi jipprovdu dawn id- dokumenti għall- awtorità kompetenti biex tispezzjona.
2. Stabbilimenti jridu jkunu pproċessaw is- sena ta' qabel kwantità ta' ħalib mhux anqas minn 2 milljun litru jew jridu jagħtu nota bil- miktub lill- awtorità kompetenti li l- kwantità pproċessata annwalment ma teċċediex dak l- ammont.
3. L- istabbilimenti jridu jippreżentaw lill- awtorità kompetenti applikazzjoni bil- miktub għal derogi kif għaliha hemm ipprovdut fl- l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal- Kunsill 92/46/KEE. Mingħajr preġudizzju għall- informazzjoni speċifika li l-awtorità kompetenti tista' tixtieq li tirċievi, l- applikazzjonijiet iridu jindikaw:
 - l- isem u l- indirizz ta' l- istabbilimenti,
 - l- kwantità ta' ħalib ipproċessat minnu matul is- sena preċedenti li fiha l- applikazzjoni hi magħmula jew nota biex ma jipproċessax kwantità li teċċedi 2 milljun litru annwalment,
 - in-natura tad- dokumenti li jistgħu ikunu wżati biex jiddeterminaw il- kwantitat ta' ħalib ipproċessat mill- istabbiliment,
 - it-tip u l-kuantità ta' prodotti bażati fuq il-ħalib manufatturati mill-istabbiliment matul is- sena preċedenti għal dik meta tkun magħmula l- applikazzjoni,
 - it-tip ta' derogi li l- istabbiliment jixtieq jirċievi.

l-applikazzjonijiet iridu, wkoll, jikkontjenu nota biex tkun notifikata l-awtorità kompetenti bil- miktub fejn stabiliment ma jissodisfax aktar il- kriterju fil- punt 2 ta' dan l-Anness.
